MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru 613/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Gatt)**

**Vs**

Sandro Varrazzo
Joanna Varrazzo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Sandro Varrazzo u Joanna Varrazzo numru ta' karta ta' identita' 51367(M) u 397967(M) rispettivament, akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fit-8.6.97 u matul it-tnejn u ghoxrin xahar qabel din id-data, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa kontra il-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex

igieghlu titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew ta’ setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm775.29,0 ghad-dannu ta’ Home Glo Trading Company Ltd. Kif ukoll f’aktar minn Lm159.80,0 ghad-dannu ta’ Chef Choice Company Ltd. U dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet xi xhieda;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-imputati jammettu l-akkuzi dedotti kontra taghhom;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza kontra l-imputati hi dik ta’ truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap 9. Tinkwadra f’cekkijiet mahrugin bil-firma tal-imputati li ma gewx onorati stante nuqqas ta’ fondi fil-kont rispettiv. Mix-xhieda dan il-fatt ‘ut sic’ jirrisulta. Issa , kif registrat fl-udjenza tal-lum, jirrisulta li l-imputati ssaldaw id-debiti taghhom li ghalihom tirreferi l-akkuza u konsegwentement l-imputati rregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom huma nsistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw.

Fuq din l-ammissjoni l-Qorti qeghdha ssib l-imputati hatja tal-akkuzi taht l-Artikolu citat kif dedotta kontra taghhom. Ghal dik li hi piena, tenut kont li d-debitu gie saldat, tiddecidi li tilliberahom bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------